Il-Belt Valletta (Città Umilissima) | Il-Birgu (Città Vittoriosa) | L-Isla (Città Invicta) | Bormla (Città Cospicua) | Ħaż-Żabbar (Città Hompesch) | Il-Fgura | Floriana | Il-Kalkara | Paola | Ħal Tarxien | Ix-Xgħajra

KUNSILL REĠJONALI PORT - PORT REGIONAL COUNCIL

97, St. Mary's Street, Tarxien | E-Mail: regjun-port.dlg@gov.mt | Tel: 27040492

Laqgħa Reġjun Port - Nu 02/2022 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: L-Erbgħa, 23 ta' Frar 2022

Ħin: 27:30

Bdiet: 28:00

Post: Microsoft Teams

| | | | |
|---|---|---|---|
| Chev Paul Farrugia | President | Reġjun Port | Preżenti |
| Sra Alison Zerafa | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | Assenti |
| Sur John Boxall | Sindku | Kunsill Lokali Birgu | Assenti |
| Sur Pierre Dalli | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | Assenti |
| Sur Vincent Borg | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Floriana | Preżenti |
| Sur Clive Pulis | Sindku | Kunsill Lokali Isla | Assenti |
| Sur Wayne Aquilina | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | Preżenti |
| Sur Dominic Grima | Sindku | Kunsill Lokali Paola | Skużat |
| Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | Assenti |
| Sur Ray Azzaopardi | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Valletta | Preżenti |
| Sur Neil Attard | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | Assenti |
| Sur Jorge Grech | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | Assenti |
| Sa Lianne Cassar | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Port | Preżenti |
| Sur Daniel Galea | Accountant | Reġjun Port | Preżenti għall-parti mill-laqgħa |

**2.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

2.1.1 Il-President informa li s-Sur Dominic Grima, kien informa li kellu l-laqgħa tl-Kunsill Lokali ta' Paola, għaldaqstant talab li jkun skużat. Il-President informa li ma kienx ġie infurmat mill-Membri l-oħra rigward jekk kienux ser jattendu għall-laqgħa.

2.1.2 Fuq proposta tal-President, il-Membri laqgħu t-talba tal-President u għaldaqstant is-Sur Grima ġie mniżżel bħala skużat u l-Membri l-oħrajn tniżlu bħala assenti.

**2.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.1**

2.2.1 Il-Presidenti preżenta l-minuti hekk kif preżentati mill-Aġent Deutat Segretarju Eżekuttiv.

2.2.2 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Wayne Aquilina, il-kumitatt approva il-minuti hekk kif preżentati.

97, St. Mary's Street, Tarxien | E-Mail: regjun-port.dlg@gov.mt | Tel: 27040492

**2.3 Punti maħruġa mill-Minuti**

**2.3.2 Reach Out Centre**

Il-President semma li f' dan ir-rigward kollox għadu kif kien. Semma wkoll li l-proċess għadu 'l bogħod u jaħseb li tajjeb li wieħed jevalwa s-sitwazzjoni u jara għandux ir-Reġjun imur lilhinn minn din l-idea.

**2.3.2 Webiste Reġjun Xlokk**

Il-President semma li l-Uffiċjal tal-ICT flimkien mal-Uffiċjal tal-Kultura qed jaħdmu fuq dan il-proġett ukoll. Semma li kienet intbgħatet ċirkulari lill-Kunsilli Lokali sabiex tibda tinġabar l-informazzjoni.

**2.3.3 Accountant u Book keeping tar-Reġjun**

Il-President semma li l-Accountant kif ukoll is-servizz ta' nook keeping kien għaddej tajjeb.

**2.3.4 Ingaġġ tal-Uffiċjali Reġjonali**

Il-President semma li anki fil-laqgħat tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, qamet diskussjoni fejn il-President tar-Reġjuni qed jirrimarkaw li minkejja li l-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali naqset peress li issa hemm is-sitt Reġjun, kif ukoll id-Diviżjoni għadha ma kkomunikatx jekk hux ser tkun qed tagħddi fondi għas-salarji ta' dawn l-uffiċjali għall-kumplament tal-kuntratt li sar magħhom. Il-President propona li qabel ikun hemm konferma mid-Dipartiment, ir-Reġjun ma jkompliex bil-proċess sabiex jimpjega ż-żewġ Uffiċjali li għadd fadal. Is-Segretarja proponiet li sabiex ikun hemm stampa ċara tas-sitwazzjoni finanzjarja minħabba r-ristrutturar amministrattiv kif ukoll it-tnaqqis fl-allokazzjoni, titlob lill-accountant sabiex iħejji estimi draft ta' dan l-infieq kontra l-allokazzjoni kurrenti kif ukoll inkluż l-ispiża tas-salarji tas-sitt uffiċjali. Il-Membri qablu li għandha tiġi preżentata din l-informazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

**2.3.5 Kontijiet bankarji Reġjun Port**

Il-President semma li l-proċess mal-APS kien mixi wkoll. Kien fadal l-aħħar ftit dokumenti li għaddew lill-bank ukoll.

**2.3.6 Interim Audit**

Il-President semma li dan beda u kien hemm ukoll site visit mid-Direttur tal-Compliance. Semma wkoll li fid-dawl li għaddej Interim Audit, id-Direttur Ġenerali kien bagħat Direttiva lir-Reġjun Port biex sakemm jintemm dan l-audit, ir-Reġjun ma jidħol fl-ebda spiża għajr dik ta' salarji u spejjeż amministrattivi.

**2.3.7 Ħaddiema RSSL**

Il-President semma li l-ħaddiema ser ikunu assenjati kif ġej:
Marzu 2022 – Kunsill Lokali Bormla, Floriana u l-Belt
April 2022 – Kunsill Lokali Birgu u Kunsill Lokali Floriana
Mejju 2022 – Kunsill Lokali Paola u Kunsill Lokali Fgura

97, St. Mary's Street, Tarxien | E-Mail: regjun-port.dlg@gov.mt | Tel: 27040492

Il-President semma li l-Kunsilli Lokali jistgħu jibgħatu rikjesta għall-ħaddiema ta' RSSL minn Ġunju 2022 'l quddiem.

**2.3.8 Fondazzjoni Soċjali Reġjun Port**

Il-President semma li minkejja li intbgħatet komunikazzjoni lid-Diviżjoni għall-approvazzjoni ta' dan il-proġett, id-Direttur Ġenerali baqa' ma tax risposta ċara. Semma li l-Ispettur li qed jiltaqa' miegħu fuq dan il-proġett talab permess mingħand il-President jekk jistax jikkomunika mad-Direttur Ġenerali huwa personali.

**2.3.9 Emblema Reġjun Port**

Il-President semma li kien jidher li r-Reġjun kien wasal sabiex itemm id-disinn tal-Emblema imma semma li minkejja li r-Reġjun qabbad espert eraldiku sabiex jagħmel dan ix-xogħol xorta waħda qed ikun hemm diżgwit fuq dak li qed jipproponi hu ma' dak li d-Diviżjoni qed tgħid li għandu jsir. Il-President semma li minkejja ir-Reġjun kemm-il darba talab lid-Diviżjoni linji gwida sabiex l-espert jimxi magħhom, dawn qatt ma waslu biss pero issa fi tweġibiet mid-Diviżjoni qed tiġi kwotata l-liġi sussidjarja 363.178 li din tati spjega ta' l-emblemi li hemm mhux ta' kif l-emblemi jridu jkunu. Semma li sere ikomplu d-diskussjonijiet kemm mad-Diviżjoni kif ukoll ma' l-Espert sabiex nikkonkludi. Il-President semma li id-Diviżjoni infurmat li r-Reġjun ma jistax ikun rappreżentat b' kuruna navali. Is-Sur Ray Azzopardi semma li l-Belt Valletta għandha tkun identifikata bħala l-Belt Kapitali u li ma jaqbilx li l-Belt Valletta u l-Birgu jkunu rappreżentati bl-istess kuruna.
Il-President informa li jispera li sal-laqgħa li jmiss tkun ġiet iffinalizzata l-emblema.

**2.3.10 Intervisti għall-post vakant Skala 11 u Segretarju Eżekuttiv skala 7**

Il-President informa li s-sejħa ta' Assistent Prinċipal li kienet inħarġet internament kinet għalqet fit-22 ta' Frar 2022 u li għalija daħlet applikazzjoni waħda biss. Semma li s-sejħa għall-Segretarju Eżekuttiv għada miftuħa u tagħlaq nhar 28 ta' Frar 2022. Is-Segretarja talbet li għandu jiġi maħtur board tal-intervisti sabiex ikun jista' jitkompla l-proċess. Il-President semma li minħabba ċirkulari maħruġa mill-OPM li għalissa kellu jitwaqqaf kull tip ta' proċess ta' reklutaġġ minħabba li wasalna qrib l-Elezzjoni Ġenerali, il-President semma li għalissa ser iħalli kollox kif inhu. Filwaqt li s-Segretarju spjega li proċess mibdi u li jkun wasal f' fażi avvanzata jista' jitkompla, il-President talab li dan għandu jiġi bil-miktub mill-HR Unit tad-Diviżjoni sabie xwara ma jkunx hemm problemi.

**2.3.11 Tribunal Lokali**

Il-President semma li wara l-laqgħa Nu1, is-Segretarja kienet infurmat lid-Diviżjoni bid-deċiżżjoni tal-Kumitatt li t-Tribunal Lokali Żejtun ma jibqax fir-responsabbilita' tar-Reġjun Port minħabba r-raġunijiet li nagħtaw fl-ewwel laqgħa. Id-Direttur

Ġenerali talab li din id-deċiżjoni tiġi irtirata għaliex ir-Reġjun qed ikun skorret meta jabdika minn din ir-responsabbilita'. Il-President semma li fid-dawl ta' dan kollu ir-Reġjun ser jibqa' responsabbli għat-Tribunal Lokali Żejtun biss pero fix-xhur li ġejjin ser ikun qed joħroġ sejħa ta' interess sabiex issib binja waħda li tkun tista' tiġbor fiha; it-Tribunal, l-amministrattiv ta' Tribunal kif ukoll l-Uffiċjali Reġjonali.
Il-President semma li flimkien mal-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv huwa ltaqa' mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Żejtun sabiex possibbilment jiġi maqbul u fformulat kuntratt sabiex tkun koperta l-binja li r-Reġjun qed jikri mingħand il-Kunsill Lokali sabiex ikollha l-użu ta' Tribunal Lokali. Il-President semma li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun għadda lir-Reġjun kopja tal-agreement li qed ikun propost u li jiġġedded kull sitt xhur. Semma li dan għadda għand l-avukat tar-Reġjun sabiex jagħti l-feedback tiegħu peress li hemm xi klawżoli li r-Reġjun jidhirlu li m' għandhomx ikunu miktuba bil-mod li nkitbu.

**2.3.12 Kuntratti tal-Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port u garxxijiet**

Il-President semma li flimkien mal- Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv kien iltaqa' mal-Avukat tar-Reġjun kif ukoll mas-sid li mingħandu jinkrew kemm l-Uffiċju tar-Reġjun kif ukoll il-garaxxijiet li jintużaw bħala stores u iġġeddew il-kuntratti li kien hemm eżistenti dan anki wara approvazzjoni li kienet ingħabet mid-Diviżjoni. Semma li l-kuntratt tal-Uffiċju ġie imġedded għal erba' snin filwaqt li l-garaxxijiet sar kunttratt ta' sentejn peress li wkoll kien skada. Semma li r-rati tal-kera baqgħu bħalma kienu.

**2.3.13 Ħaddiema Air Malta**

Il-President semma li kienu bdew diskussjonijiet ma' RSSL fuq il-possibbilita' li ħaddiema tal-Air Malta jiġu assenjati mal-Kunsilli Lokali.

**2.3.14 Korispondenza anonima li rċieva l-President**

Il-President semma li kif kien qal fil-Laqgħa ta' qabel, huwa kien għadda l-korrispondenza lill-avukat.

**2.3.15 Skemi maħruġa mir-Reġjun**

Il-President semma li kif diġa spjega hemm direttiva mid-Diviżjoni li għalissa sakemm jitlesta l-awditjar, ir-Reġjun ma joħroġx skemi.

**2.3.16 Performance Bonus**

Il-President kien semma li l-ħaddiema ingħtaw il-Performance Bonus li kien approvat. Semma li l-Performance Bonus tas-Sa.

97, St. Mary's Street, Tarxien | E-Mail: regjun-port.dlg@gov.mt | Tel: 27040492

Galea kien għadu pendenti peress li hija ma ffirmatx l-appriasal report. Il-President semma wkoll li kien hemm konferma mid-Diviżjoni li l-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv huwa wkoll intitolat għall-Performance Bonus pro-rata. Għaldaqstant huwa talab lill-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex tiprepara dak li huwa neċessarju sabiex ir-Reġjun ikun jista' jippreżenta l-Performance Bonus.

**2.4 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 02/2022**

2.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn mis-Sur Vincent Borg u s-Sur Ray Azzopardi ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-20 Jannar 2022 u t-23 ta' Frar 2022 li kienet tammonta għall-€36,004.57.

2.4.2 Il-President semma li wara approvazzjoni li kien hemm mid-Direttur Ġenerali, ir-Reġjun qed juża l-kontijiet bankarji tar-Reġjun Xlokk sabiex jagħmel dawn il-pagamenti.

**2.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju Reġjun Xlokk –ir-Raba' Kwart tas-Sena 2021**

2.5.1 L-accountant tar-Reġjun is-Sur Daniel Galea daħal għal-laqgħa online fis-18:15.

2.5.2 Is-Sur Galea ta spjega tar-Rapport Finanzjarju għar-Raba' Kwart tas-sena Finanzjarja 2021. Spjega kemm id-dħul kif ukoll l-ispejjeż li r-Reġjun kellu f' dan il-perjodu.

2.5.3 Il-President preżenta r-rapport finanzjarju għall-approvazzjoni u għamel referenza għall-overview tar-rapport fejn hemm dettalji tan-nefqiet u d-dħul li kien għamel ir-Reġjun.

2.5.4 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Ray Azzopardi, il-Kummitat approva r-rapport hekk kif preżentat.

**2.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Għeluq s-Sena Finanzjarja 2021**

2.6.1 Is-Sur Galea ta ħarsa lejn ir-Rapport Finanzjaru Għeluq is-sena 2021. Is-Sur Galea għamel referenza għall-pożizzjoni b' saħħitha li għandu r-Reġjun Fejn kien qed jagħlaq is-sena bilanċ disponibbli ta' €1.6miljun.

2.6.1 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Ray Azzopardi, il-Kumitatt approva r-rapport finanzjarju kif kien preżentat.

2.6.2 Il-President irringrazzja lis-Sur Galea tax-xogħol tiegħu. Is-Sur Galea ħalla l-laqgħa għall-ħabta tas-18:35.

97, St. Mary's Street, Tarxien | E-Mail: regjun-port.dlg@gov.mt | Tel: 27040492

### 2.7 Binja Tribunal Lokali u Stores

2.7.1 Il-President għamel referenza li dan is-suġġett kien ġie diġa diskuss aktar kmieni fil-laqgħa waqt il-Punti maħruġa mill-Minuti.

2.7.2 Is-Sur Clive Pulis talab li jiġi skużat mil-laqgħa fis-18:36.

### 2.8 Emblema Reġjun Port

2.8.1 Il-President għamel referenza li dan is-suġġett kien ġie diġa diskuss aktar kmieni fil-laqgħa waqt il-Punti maħruġa mill-Minuti.

### 2.9 Komunikazzjoni oħra mill-President

2.9.1 Il-President semma li aktar kmieni dik il-ġimgħa kien avviċinat minn persuna li ġiet ir-Reġjun u nnufrmat li hija kienet ġiet detailed mar-Reġjun. Il-President semma li huwa bagħat lid-Diviżjoni sabiex jara jekk kellhomx xi dokumenti ta' dan id-detailing kif ukoll staqsa kif huwa ma kienx ġie infurmat li dan kien seħħ b' effett mis-16 ta' Frar. Semma li f' risposta li tat id-Diviżjoni jidher li detailing kien sar. Il-President ikjarifika li dan id-detailing kien għamel rikjesta għalih huwa wara li ra li t-Tribunal m' għandux staff sabiex jopera tajjeb. Semma wkoll li l-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv ma kinitx infurmata b' din it-talba. Semma li fuq parir li ħa anki mill-President tal-AKL li huwa għandu jitlob li dan id-detailing jiġi mwaqqaf mir-Reġjun anki minħabba li r-Reġjun bħal issa għaddej minn Interim Audit mill-NAO.

2.9.2 Il-President talab li l-lista tal-Membri tal-Board tal-Belt Kulturali Ewropeja 2031 kienet iffinalizzata mill-Kunsill Lokali tal-Birgu wara li kull Kunsill Lokali xeħet in-nomina tiegħu għall-persuni li ħass li jkunu utli u denji li jkunu parti minn dan il-Board. Il-President talab lill-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex tiċċirkola l-lista tal-Membri tal-Board magħżula lill-Membri tar-Reġjun Port. Semma li jekk ikun hemm qbil fuq dawn il-Membri, l-Uffiċjal tal-Kultura tkun tista' tibda l-proċess sabiex din il-lista tkun uffiċjali għax il-proċess irrid jitla' qkoll quddiem il-Parlament.

2.9.3 Il-President semma qed jitkompla x-xogħol fuq il-Bid Book għall-Belt Kapitali Ewropeja 2031. Semma li l-Uffiċja tal-Kultura kif ukoll l-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma' Uffiċjal minn Valletta Cultural Agency sabiex jiddiskutu aktar fid-dettal. L- Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li jidher li l-proċess tal-Bid Book huwa wieħed elaborat u li għalih r-Reġjun irrid jikkommissjona tim speċjalizzat fosthom Direttur Artistiku kif ukoll persuni Internazzjonali li ġieli ħaddmu f' dan is-settur. Semmiet li l-kompetizzjoni hija kbira u dan kollu hemm indikazzjonijiet ċari li jiġi jiswa mijiet ta' eluf. Għaldaqstant, hija enfasizzat li bir-Riżorsi tar-Reġjun biss dan mhux ser ikun possibbli li jsir u r-Reġjun għandu jibda diskussjonijiet anki mal-Ministru tal-Kultura sabiex ikun hemm mod li dan jiġi ffinanzjat.

2.9.4 Il-President semma li ser ikun qed jipprova jsib servizz ta' persuna li tkun tista' tassisti sabiex tinkiteb is-sejħa sabiex jinxtraw il-vannijiet elettriċi ffinanzjati mill-Aġenzija LESA. Il-President semma li l-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv tinsab mogħbbija b' ħafna xogħol anki tal-AKL u għaldaqstant ser jara biex dan jiġi out sourced dan is-servizz. Is-Sur Wayne Aquilina semma li minkejja li bla ebda dubju wieħed ifaħħar l-inizjattiva tar-Reġjun għal dawn il-vannijiet, semma wkoll li rridu bejnietna bħala Kunsilli Lokali u r-Reġjun ikun hemm pjan ta' kis ser jintuża dan is-servizz. Dan peress li issa kwazi kull Kunsill Lokali ser ikollu l-vannijiet tiegħu u anki l-Gvern Ċentrali nieda l-inizjattiva ta' Silver T – transport għall-anzjani kważi f' kull lokalita'. Is-Sur Aquilina propona li dan is-servizz offrut mir-Reġjun jista' forsi jintuża sabiex joħloq turiżmu intern bejn il-lokalitajiet tar-Reġjun. Il-President semma li din il-proposta trid tintlaqa' wkoll mill-LESa peress li l-proċett iffinanzjat minnhom. L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk hux ser ikun hemm xuffier assenjati/ impjegati mar-Reġjun jew inkella kull Kunsill li jissellef dawn il-vannijiet juża x-xufiera tiegħu. Il-President semma li huwa qiegħed f' taħdidiet mal-RSSL sabiex forsi jkollu impjegati assenjati mar-Reġjun li jkunu jistgħu jsuqu dawn il-vannijiet.

2.9.5 Il-President semma li kien irċieva proposta sabiex ir-Reġjun jidħol f' kollaborazzjoni sabiex issir Wine Festival li ser issir ġewwa l-Argotti f' Ġunju 2022. Il-President semma li minħabba d-Direttiva li hemm bħal issa imposta fuq ir-Reġjun, din il-proposta ser tkun qed tinżamm pendenti għal meta r-Reġjun ikun jista' jembarka fuq proġetti.

**1.10 Komunikazzjoni mill-Membri**

1.10.1 Is-Sur Ray Azzopardi propona li meta jkun jista' joħroġ skemi r-Reġjun għandu jara jassistix lill-Kunsilli Lokali sabiex itejjeb il-kwalita' ta' ġonna li jinstabu fil-lokalitajiet. Il-President semma li dak li qed jiġi propost mis-Sur Azzopardi huwa diġa inkluż fil-pjan ta' ħidma li ser ikun qed jaħdem fuqu r-Reġjun.

**1.11 Aġġornament**

2.11.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-19:30, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar l-Erbgħa, 9 ta' Marzu 2022 fil-17:30 permezz ta' Microsoft Teams.

Chev Paul Farrugia

President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv